MALTA

# QORTI CIVILI
## PRIM' AWLA
### ONOR. IMHALLEF
### JOSEPH ZAMMIT MC KEON

Seduta ta' l-14 ta' Marzu, 2014

Mandat Numru. 271/2014/1

Mario **Buttigieg (482963M) Anthony Pace (234756M) u Carmelo Pisani (470958M)**

***kontra***

**Kummissarju tal-Pulizija ;**
**Lotteries and Gaming Authority ;**
**u Avukat Generali**

**Il-Qorti :**

## I. Preliminari

Rat ir-rikors prezentat fis-17 ta` Frar 2014 fejn, ghar-ragunijiet hemm indikati u konfermati bil-gurament mit-tliet rikorrenti, il-Qorti kienet mitluba biex izzomm lill-intimati milli –

*jelevaw, jissekwestraw jew jiehdu taht il-kustodja taghhom numru ta` Bingo Machines liema kaxxi tal-bingo jinsabu ghand ir-rikorrenti personalment jew ghand terzi u dana minhabba illi l-imsemmija kaxxi gew*
*impurtati f`Malta bil-kunsens u l-approvazzjoni tal-LGA (Lotteries & Gaming Authority) wara li r-rikorrenti stess kienu talbu awtorizzazzjoni biex ikollhom direzzjoni dwar l-importazzjoni u uzu tal-istess kaxxi.*

Illi kif jirrizulta mill-istess rikors promotorju, il-lanjanza tar-rikorrenti hija illi –

*wara li sar investiment kbir, l-Awtorita` intimata bidlet id-direzzjoni taghha u bi pregudizzju kbir ghar-rikorrenti fis-sighat li ghaddew tat ordni flimkien mal-pulizija biex jigu elevati dawn il-kaxxi ;*

*huwa ngust li investituri bhar-rikorrenti l-ewwel tghidilhom mod u mbaghad taghmel mod iehor.*

Rat id-digriet taghha tat-18 ta` Frar 2013 fejn laqghet it-talba tar-rikorrenti provvizorjament, ordnat in-notifika tal-atti lill-intimati bi zmien ghaxart ijiem biex iwiegeb, u fejn appuntat ir-rikors ghas-smigh ghall-udjenza tal-4 ta` Marzu 2014 fis-1.00 p.m.

Rat li l-intimati Kummissarju tal-Pulizija u Lotteries and Gaming Authority kienu notifikati fis-17 ta` Frar 2014.

Rat ir-risposta li l-Awtorita` dwar il-Lotteriji u l-Loghob ipprezentat fis-27 ta` Frar 2014 fejn, ghar-ragunijiet moghtija, talbet lill-Qorti sabiex tichad it-talba tar-rikorrenti, bl-ispejjez kontra taghhom.

Rat ukoll id-dokument li prezentat mill-Awtorita` intimata flimkien mar-risposta taghha.

Rat ir-risposta li l-intimati l-ohra pprezentaw fit-28 ta` Frar 2014 fejn, ghar-ragunijiet moghtija, talbu lill-Qorti sabiex tichad it-talba tar-rikorrenti, bl-ispejjez kontra taghhom.

Rat il-verbal tal-udjenza tal-4 ta` Marzu 2014.

Rat illi fl-istess udjenza Dr. Roma D`Alessandro ghall-Avukat Generali tat ruhha b`notifikata bir-rikors promotorju.

Rat il-verbal tal-udjenza tal-5 ta` Marzu 2014.

Semghet ix-xiehda tar-rikorrent Carmelo Pisani, ta` Edmond Galea, tar-rikorrent Anthony Pace, u tal-Ispettur Roderick Agius.

Rat id-dokumenti li kienu prezentati fl-istess udjenza.

Semghet is-sottomissjonijiet tad-difensuri tal-partijiet fl-istess udjenza.

Rat id-digriet taghha moghti fl-istess udjenza fejn halliet ir-rikors ghal provvediment *in camera.*

**Ikkunsidrat :**

**II. <u>Provi</u>**

**Il-Qorti sejra taghmel riferenza <u>biss</u> ghal dawk il-provi li fil-fehma taghha huma rilevanti ghall-fini tal-procediment tal-lum.**

**<u>Ir-rikorrent Carmelo Pisani</u>** xehed illi l-Bingo Machines in kwistjoni jaqghu fil-kategorija ta` "other amusement machines". Fil-fatt il-kaxxa tispara l-blalen u r-rebh ikunu f`punti ; il-punti mbaghad jissarrfu f`loghob. Il-punti ma jissarrfux fi flus u ghalhekk il-kaxxi ma humiex "gambling devices". Qabel hu u r-rikorrenti l-ohra gabu l-magni minn barra, tkellmu mal-Awtorita` ntimata u lir-rapprezentanti taghha spjegawlhom li l-magni li riedu jgibu kienu bhal dawk li kien ghadu kif iddeskriva. Wara li mill-Awtorita` tawhom il-"go ahead" bil-miktub, gabu l-magni. Ix-xhud irrefera in partikolari ghal Dok EG1 u EG2 li kienu skambjati qabel ix-xoghol gie minn barra. Gabu bejn sebghin (70) u tmenin (80) magna. Kull wahda tiswa` €600. Xi kaxxi kellhom licenza li harget l-Awtorita` ntimata (Dok EG3). Il-mizata hija ta` €170 fis-sena. Il-licenza tohrog wara li l-kaxxi jigu Malta u jitqassmu fil-hwienet. Ghal "gaming devices" tithallas licenza ta` €500 fix-xahar. Meta gew biex iqassmu l-kaxxi fil-hwienet, l-Awtorita` ma hallithomx ghaliex bdiet tghid illi kienu "gambling devices". Kaxxi bhalhom li kienu diga` fil-hwienet baqghu joperaw fil-hwienet ghaliex kellhom diga` licenza, waqt li dawk li kienu fl-istores baqghu fl-istores. Kien hemm xi kaxxi li kienu wkoll fil-hwienet qeghdin jistennew li jigu ttimrati mill-ispetturi tal-Awtorita`. Barra kien hemm tletin (30) kaxxa biex jigu ttimbrati u li kienu qeghdin jintuzaw. Magni b`licenza diga` mahruga kien hemm sitta (6). Il-bqija kienet fl-istores taghhom.

**<u>Edmond Galea</u>** – *compliance officer* mal-Awtorita` intimata – xehed illi l-"other amusements machines" bhal imwejjed tal-billiard, tables soccers u pinballs ghandhom bzonn "approval" mill-Awtorita` u jhallsu €170 fis-sena. Hemm imbaghad "amusement machines" li ghandhom bzonn licenza. Hemm ukoll il-"gaming devices" bhal "slot machines" li jintuzaw fil-"casinos"; dawn bhala rebh jaghtu flus. Ghandhom bzonn licenza u ghal kull magna jithallas dritt ta` €525 fix-xahar.

Riferibbilment ghall-magni in kwistjoni, Edmond Galea xehed illi l-isem tal-magni nbidel tliet darbiet : l-ewwel kienu deskritti bhala "pinballs", imbaghad saru "five in line" u wara "bingo machines". Bhala funzjoni huma l-istess. Il-magni jtellghu l-punti. Ix-xhud ma setax ighid jekk il-magni jhallsux flus. Fuq l-informazzjoni fornita fil-bidu mir-rikorrenti, l-Awtorita` qalet lir-rikorrenti sabiex jissottomettu l-applikazzjonijiet ghaliex kien jidher li kienu jaqghu fil-kategorija ta` "other amusement machines". Pero` l-Awtorita` ma tatx lir-rikorrenti l-"go ahead" biex igibu l-magni minn barra. L-applikazzjoni baqghet ma saritx. Mal-applikazzjoni, kellu jigi prezentat il-manual tal-magna sabiex ikun stabbilit fic-cert illi si trattava tassew ta` "other amusement machines". Il-manual imur ghand ic-chief inspector tal-Awtorita`. Biex tingieb il-magna, trid tkun approvata l-applikazzjoni. Bl-istess waqt sabiex l-Awtorita` tghid jekk il-magna tikkwalifikax trid tara l-magna. L-approval lill-magni li gew minn barra ma nghatax ghaliex l-Awtorita` hadet decizjoni li l-magni ma kienux jikkwalifikaw bhala "other amusement machines".

Fil-**kontroezami**, Edmond Galea xehed illi kien hemm magni fejn lahqu nghataw l-approval mill-Awtorita` meta l-Awtorita` ma kellhiex l-informazzjoni teknika kollha ghad-disposizzjoni taghha. Minn dawn il-magni kien hemm sittax (16) imferrxin ma` Malta. Kien hemm magni fejn jew il-manual ma kienx jezisti jew fejn il-manual prezentat ma kienx jirrifletti t-technical specifications. Minn dawn is-sittax (16) sitta (6) kienu tar-rikorrenti. Wara li r-rikorrenti bdew jinsistu li jkomplu jgibu aktar u aktar magni minn dak it-tip minn barra, l-Awtorita` ghamlet stharrig aktar fil-fond u sabet li fil-verita` dawk kienu "gambling devices" mhux ghaliex il-magna fisikament taghtik il-flus izda ghaliex ghalkemm il-kaxxa ttella` l-punti, dawk il-punti kienu jissarrfu fi flus mal-operatur. L-Awtorita` hadet decizjoni li tissospendi l-approval tas-16-il magna nkluzi s-6 tar-rikorrenti. L-Awtorita` ghandha s-setgha li televa l-magni bl-ghajnuna tal-Pulizija. Sostna li ghall-magni l-ohra kollha li gabu r-rikorrenti ma saret l-ebda applikazzjoni lill-Awtorita`.

**Ikkunsidrat :**

**III. Dritt**

Skond l-**Art 873(1)** tal-Kap.12 –

*L-iskop tal-Mandat ta' Inibizzjoni huwa li jzomm persuna milli taghmel kwalunkwe haga li tista' tkun ta' pregudizzju ghall-persuna li qed titlob il-mandat.*

Skond l-**<u>Art 873(2)</u>** tal-Kap.12 –

*Il-Qorti **<u>m'ghandhiex</u>** tohrog tali mandat jekk ma tkunx sodisfatta li dak il-mandat huwa mehtieg sabiex jitharsu l-jeddijiet tar-rikorrent, u li dak ir-rikorrent 'prima facie' jidher li ghandu dawk il-jeddijiet.*

Mill-Art 873(2) johorgu zewg elementi li r-rikorrent jrid jissodisfa : fl-ewwel lok, irid juri li l-mandat huwa mehtieg sabiex jitharsu jeddijiet li qed jippretendi li ghandu ; u fit-tieni lok, irid jipprova li *prima facie* ghandu dawn il-jeddijiet.

Dwar il-prova *prima facie* tal-jeddijiet, il-Qorti tal-Appell fis-sentenza taghha tal-14 ta` Lulju 1988 fil-kawza **<u>Grech pro et noe vs Manfre`</u>** (Kollez. Vol. LXXII.II.290) qalet hekk –

*... huwa rekwizit oggettiv u mhux soggettiv, ma jiddependix mill-element diskrezzjonali tal-gudikant, jew il-jeddijiet jidhru 'prima facie', ma' l-ewwel daqqa t'ghajn, jew ma jidhru xejn, ghall-finijiet tal-hrug tal-mandat.*

Hemm imbaghad l-**<u>Art 873(3)</u>** tal-Kap.12 li jaqra hekk –

*Il-qorti m'ghandha tohrog ebda mandat bhal dak kontra l-Gvern jew awtorità mwaqqfa bil-Kostituzzjoni jew xi persuna li jkollha kariga pubblika fil-kariga ufficjali taghha kemm-il darba l-awtorità jew il-persuna li kontra taghha jintalab il-mandat ma tikkonfermax fil-qorti bil-miftuh li l-haga li qed tintalab li tigi mizmuma tkun fil-fatt mahsuba li ssir, u l-qorti tkun sodisfatta, wara li tisma' l-ispjegazzjonijiet moghtija, li kemm-il darba ma jinharigx il-mandat, il-pregudizzju li jinholoq lil min ikun qed jitlob il-mandat ikun sproporzjonat meta mqabbel mal-istess ghemil tal-haga li qed tintalab li tigi mizmuma.*

Mela fejn, bhal fil-kaz tal-lum, anke wiehed mill-intimati jkun l-*Gvern jew awtorità mwaqqfa bil-Kostituzzjoni jew xi persuna li jkollha kariga pubblika fil-kariga ufficjali* b`**<u>zieda</u>** mal-elementi li johorgu mis-subincizi (1) u (2) tal-Art 873, irid jitqies ukoll dak li jinghad fis-subinciz (3) u cioe` (a) li l-haga li parti titlob li tinzamm milli titwettaq fil-fatt hemm il-hsieb li titwettaq, u (b) li l-pregudizzju li jinholoq lil min ikun qed jitlob il-mandat ikun sproporzjonat meta mqabbel mal-istess ghemil tal-haga li qed tintalab li tigi mizmuma.

Riferibbilment ghall-motivazzjoni tar-rikors tal-lum, din il-Qorti tghid b`rigward ghall-element tal-*pregudizzju* meqjus fil-kuntest tas-subinciz (3) illi wara l-emenda li giet fis-sehh f`Ottubru 2006, il-ligi ma baqghetx titkellem dwar pregudizzju "*li ma jkunx jista' jigi rimedjat*" bhala l-bazi biex tkun milqugha talba ghall-hrug tal-mandat kontra l-Gvern, imma bizzejjed li jintwera mill-

perspettiva tal-parti li titlob il-hrug tal-mandat li dak il-pregudizzju jkun *sproporzjonat* fis-sens illi jkun manifestament ta` zvantagg u ta` hsara ghar-rikorrent jekk il-haga titwettaq.

L-elementi li jwasslu ghall-hrug tal-Mandat huma kumulativi u <u>mhux</u> alternativi. Li allura jfisser illi jekk xi wiehed mill-elementi ma jirrizultax, il-Qorti <u>hija obbligata</u> tichad it-talba ghall-hrug tal-Mandat.

Kif diga` kellha okkazjonijiet ohra illi tghid qabel illum, din il-Qorti tirriafferma li l-procedura tal-lum hija mahsuba biex wahda sommarja. Ghaliex mhuwiex mistenni li jitressaq quddiem din il-Qorti fi procediment bhal dak tal-lum, kull ma ghandu jitressaq quddiemha waqt is-smigh tal-kawza dwar il-jedd. Il-fatt illi tintlaqa` talba ghall-hrug tal-Mandat, m`ghandux ifisser li l-jedd huwa ippruvat. Kif daqstant iehor m`ghandux ifisser li jekk il-hrug tal-Mandat ikun michud allura l-jedd pretiz ma jezistix. Unikament ghall-fini tal-akkoljiment o meno tat-talba, <u>mhux kompitu</u> ta` din il-Qorti li tqis il-pretensjonijiet tal-partijiet fil-mertu. Hadd mill-partijiet ma jista` jew m`ghandu jippretendi li mad-"*daqqa t`ghajn*" ghandha tkun propju din il-Qorti li tiddeciedi hi l-mertu tal-kwistjoni bejn il-partijiet bil-procedura <u>specjali u partikolari</u> tal-Mandat ta` Inibizzjoni. Dan kollu qed jinghad sabiex il-kontendenti jifhmu li l-mansjoni ta` din il-Qorti mhuwiex li tiddeciedi finalment dwar il-pretensjonijiet taghhom fil-mertu izda huwa <u>limitat u cirkoskritt</u> biex tara jekk huwiex sodisfatt dak li trid il-ligi sabiex ikun operattiv Mandat ta` Inibizzjoni. Il-Mandat ta` Inibizzjoni huwa **<u>mezz procedurali eccezzjonali</u>**. Ghalhekk ma jistax jinhareg il-Mandat jekk il-hsara lamentata mir-rikorrent tkun tista` tigi rimedjata mod iehor.

**Ikkunsidrat :**

**IV. <u>Risultanzi</u>**

Ir-rikorrenti riedu jgibu minn barra kaxxi tal-loghob li l-ewwel kienu deskritti bhala "pinballs", imbaghad bhala "five in line" u fl-ahhar bhala "bingo machines" (ara x-xiehda ta` Edmond Galea). Ir-rikorrenti talbu direzzjoni minghand l-Awtorita` intimata. Skond l-informazzjoni li taw r-rikorrenti, il-fehma tal-Awtorita` kienet illi l-kaxxi jikkwalifikaw bhala "other amusement machines" ghaliex skond ir-rikorrenti, ir-rebh kien ta` punti mhux ta` flus u allura ma kinux jaqghu fil-kategorija ta` "gambling devices".

Skond il-ligi, li kellhom jaghmlu r-rikorrenti kien illi jipprezentaw applikazzjoni. L-Awtorita` taghti l-approvazzjoni taghha wara li l-ufficjali taghha jispezzjonaw il-magna u abbazi ta` accertamenti taghhom inkluz il-

"manual" tal-magna stess jivverifikaw jekk tassew dik tikkwalifikax bhala "other amusement machine".

Huwa evidenti li r-rikorrenti ma segwewx dak li tghid il-ligi ghaliex gabu minn barra minn sebghin (70) sa tmenin (80) kaxxa. Ir-rikorrent Carmelo Pisani lanqas dwar in-numru ma kien cert – ara d-deposizzjoni tieghu. U bla ma ssottomettew applikazzjoni, u allura minghajr l-approvazzjoni tal-Awtorita`, qassmu ghall-uzu fil-hwienet qrib in-nofs ta` dawn il-magni u l-bqija zammewhom fl-istores taghhom.

Irrizulta li r-rikorrenti kellhom sitt (6) magni ohra li l-Awtorita` kienet diga` approvat bhala "other amusement machines" u li taghhom ir-rikorrenti kienu qeghdin ihallsu l-mizata ta` €170 fis-sena u li kienu mxerrdin fil-hwienet.

Gara li fix-xahar ta` Settembru 2013, l-Awtorita` hadet decizjoni fejn il-magni li kienu diga` approvati, dawk li tqassmu ghall-uzu fil-hwienet minghajr l-approvazzjoni taghha, u dawk li kienu ghadhom fl-istores tar-rikorrenti ma kienux jikkwalifikaw bhala "other amusement machines". Jidher illi fil-fatt il-magni ghalkemm direttament ma kienux jaghtu flus il-"credit" akkumulat kien qed jissarraf fi flus. Tajjeb jew hazin dik kienet id-decizjoni tal-Awtorita`. Irrizulta wkoll li r-rikorrenti kienu jafu li l-Awtorita` kienet hadet dik id-decizjoni fl-istess xahar ta` Settembru 2013 (ara l-verbal tal-udjenza tal-5 ta` Marzu 2014).

Irrizulta b`mod car u inekwivoku illi minflok ir-rikorrenti kkontestaw id-decizjoni tal-Awtorita` bil-proceduri li jahseb ghalihom il-Kap 438 u l-Kap 12 tal-Ligijiet ta` Malta, ipprovaw jaslu fi ftehim mal-Awtorita` li kien kondott bla pregudizzju ghal kull parti interessata. Gara li l-Awtorita` ma bidlitx id-decizjoni li hadet fix-xahar ta` Settembru 2013 u kien evidenti li kienet sejra tghaddi biex televa mill-hwienet bl-ghajnuna tal-Pulizija mhux biss is-sitt (6) magni tar-rikorrenti u ghaxar (10) magni ohra ta` haddiehor li wkoll kellhom l-approvazzjoni bhala "other amusement machines" izda l-magni kollha mhux approvati tar-rikorrenti li kienu diga` fil-hwienet.

Ir-rikorrenti ghazlu li jittentaw dan il-procediment.

Diga` nghad illi dak tal-lum huwa procediment **straordinarju**, anke ghaliex filwaqt li l-ligi tiggarantixxi kemm jista` jkun b`mod wiesgha d-dritt tas-smigh, fl-istess waqt tinsisti fuq assidwita` fit-twettieq ta` dak li l-ligi trid tikseb bi procediment bhal dan tal-lum, li *in fondo* jibqa` ta` natura kawtelatorja. Trid tassikura li jkunu sodisfatti l-elementi kumulattivi (mhux alternattivi) li flimkien (minghajr eskluzjoni ta` xi wahda) iwasslu ghall-hrug tal-mandat.

**Fl-istanza tal-lum, il-Qorti hija tal-fehma illi fit-talba tar-rikorrenti kif dedotta huwa <u>karenti</u> r-rekwizit tal-jedd "prima facie".**

Taghmel distinzjoni bejn il-posizzjoni tas-sitt kaxxi li kienu approvati mill-Awtorita`, u l-ohra kollha li mhux biss ma kienux approvati izda lanqas saret applikazzjoni ghalihom ; ingiebu minn barra u kwazi n-nofs tqassmu fil-hwienet ghall-uzu.

Mhuwiex il-kompitu ta` din il-Qorti li tiddeciedi kwistjonijiet ta` mertu bhal jekk kenitx korretta nkella le l-Awtorita` fid-decizjoni illi hadet. Ghall-kuntrarju r-rwol taghha huwa ben delineat minn parametri stabbiliti mil-ligi stess, u riaffermati fil-kuntest reali taghhom mill-gurisprudenza.

Apparti kull konsiderazzjoni ta` mertu, **din il-Qorti <u>tinsisti</u> fuq l-<u>eccezzjonalita`</u> u l-<u>istraordinarjeta`</u> tan-natura ta` dan il-procediment tentat mir-rikorrent** ghar-rigward tas-sitt kaxxi li kienu approvati.

Jekk tassew ir-rikorrenti hassewhom aggravati mid-decizjoni li hadet l-Awtorita` fix-xahar ta` Settembru 2013 li tirrevoka l-approvazzjoni tal-kaxxi billi ma tibqax tqishom bhala "other amusement machines", fatt li kien a konoxxenza tar-rikorrenti fl-istess xahar ta` Settembru 2013, ir-rikorrenti kellhom ir-rimedju **<u>ordinarju</u>** kostitwit mill-procedura tal-appell skond il-Kap 438 jew skond l-Art 469A tal-Kap 12 fejn jindirizzaw l-ilmenti taghhom mhux li jirrikorru ghat-talba ghall-hrug tal-Mandat. Jirrizulta li r-rikorrenti ma marrux ghar-rimedji ordinarji li kellhom. Jekk kienu tard biex jirrikorru ghar-rimedji ordinarji, ma jistghux imbaghad ifittxu kenn taht dan il-procediment li mhuwiex certament intiz la biex jimla n-nuqqas tar-rikorrenti u lanqas jirrettifika dak li fil-fehma tar-rikorrenti sar hazin mill-Awtorita` fil-konfront taghhom. Daqstant fejn jirrigwarda s-sitt kaxxi li kienu approvati.

In kwantu ghall-magni l-ohra tar-rikorrenti, ma hemmx dubju li l-jedd "prima facie" huwa nieqes ghaliex minghajr applikazzjoni segwita minn approvazzjoni tal-Awtorita` ma jistax isir uzu tal-magni ghal skop ta` negozju li ghalih ingiebu Malta ; anzi dawk il-magni li qeghdin fil-hwienet ghall-uzu minghajr approvazzjoni huma fi stat ta` illegalita`.

**Ladarba r-rekwiziti huma kumulattivi, mankanti r-rekwizit tad-dritt *prima facie*, ma hemmx htiega ghall-Qorti li tfittex biex tara jekk ir-rekwizit tal-pregudizzju kif kwalifikat mil-ligi stess jikkonkorrix inkella le ghaliex il-Qorti hija prekluza (*m`ghandhiex*) tordna l-hrug tal-**

**Mandat jekk mhux ir-rekwiziti kollha (minghajr eskluzjoni) ikunu sodisfatti.**

**Ghar--ragunijiet kollha premessi, din il-Qorti qeghda tiddeciedi billi –**

**Tichad it-talba tar-rikorrenti ghall-hrug ta` Mandat ta` Inibizzjoni billi ma jirrizultawx l-elementi kollha li trid il-ligi ghall-hrug tal-istess ;**

**Thassar *contrario imperio* d-digriet taghha tat-18 ta` Frar 2014, safejn kienet laqghet it-talba tar-rikorrenti b`mod provvizorju ;**

**Tordna lir-rikorrenti sabiex ihallsu l-ispejjez kollha ta` dan il-procediment.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------